MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru. 353/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Nigel Zammit ta' 22 sena, iben Eugenio u Connie xebba Parsons, imwieled Pieta` fit-22 ta' Jannar 1998, residenti gewwa l-fond numru 7, Block 7, Pinto Flats, Triq Pietro Floriani, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 69388M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Nigel Zammit akkuzat talli:

Nhar l-10 ta' April 2010 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-isptar Mater Dei, Msida, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq persuni

nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew inhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe` fuq Nurse Paul Calleja u Nurse Lucienne Brincat (it-tnjen Nurse gewwa l-Isptar Mater Dei);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi, ataca jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb , ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra z-zewg persuni ndikati aktar il-fuq, liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni mghotija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor u cioe` ta' Nurse Paul Calleja f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' l-istess Paul Calleja, u dan skond kif iccertifikat minn Dr. Max Mifsud M.D. mill-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Nurse Lucienne Brincat, skond kif iccertifikat minn Dr. Michael Spieri M.D. mill-Isptar Mater Dei;

U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'dagha, ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti esebiti;;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat u il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fatt illi l-imputat ghandu problema f’hajtu li wasslitu biex jixrob liema problema wasslitu ghal dan l-incident. Inoltre l-imputat jidher illi ddispjacih ghal dak li ghamel u talab skuza anke mal-ufficjali li jahdmu l-isptar ghal dak illi ghamel fil-konfront taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 214, 215, 216(1)(b), 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi mijuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sena w nofs prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana l-perjodu ta’ prigunerija qed jigu sospizi ghal zmien erba; (4) snin mil-lum. Inoltre il-Qorti wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien erba’ (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ dan is-senteza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti jigu notifikati lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------